# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/233

## tal-15 ta' Frar 2018

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

*(notifikata bid-dokument C(2018) 818)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 96/23/KE tistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ tas-sustanzi u tal-gruppi ta' residwi elenkati fl-Anness I tagħha. L-Artikolu 29 ta' dik id-Direttiva jeħtieġ li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw l-annimali u l-prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva jissottomettu pjan ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdi l-garanziji meħtieġa ("il-pjan"). Il-pjan jenħtieġ li mill-inqas japplika għall-gruppi ta' residwi u sustanzi elenkati f'dak l-Anness I.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([2]) tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar l-annimali u l-prodotti tal-annimali speċifikati kif elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ("il-lista").

(3) Filwaqt li Andorra ma pprovdietx pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-porċini prodotti domestikament, Andorra pprovdiet garanziji fir-rigward ta' materja prima tal-porċini li toriġina mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati għall-esportazzjoni ta' din il-materja prima lejn l-Unjoni Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li tiżdied entrata fil-lista għal Andorra għall-porċini bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(4) Il-Burkina Faso ssottomettiet pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jagħti biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li tiġi inkluża entrata fil-lista għall-Burkina Faso għall-għasel.

(5) Il-Benin issottometta pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jagħti biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li tiġi inkluża entrata fil-lista għall-Benin għall-għasel.

(6) Filwaqt li Mauritius ma pprovdiex pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-għasel prodott domestikament, Mauritius ipprovda garanziji fir-rigward ta' materja prima tal-għasel li toriġina mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati għall-esportazzjoni ta' din il-materja prima lejn l-Unjoni Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li tiżdied entrata fil-lista għal Mauritius għall-għasel bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(7) San Marino ssottometta pjan għall-ħalib lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jagħti biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li tiġi inkluża entrata fil-lista għal San Marino għall-ħalib.

(8) L-Afrika t'Isfel bħalissa hija inkluża fil-lista għall-annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet. Madankollu, l-aħħar awditu li wettqet il-Kummissjoni fl-Afrika t'Isfel ikkonferma nuqqasijiet fil-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Afrika t'Isfel biex iwettqu verifiki affidabbli għall-annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet. Għalhekk l-entrata għall-Afrika t'Isfel li tikkonċerna l-annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet jenħtieġ li titħassar mil-lista. L-Afrika t'Isfel ġiet infurmata b'dan.

(9) Iż-Żimbabwe bħalissa huwa inkluż fil-lista għall-akkwakultura u l-annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet. Madankollu, iż-Żimbabwe ma pprovdiex pjan kif meħtieġ mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE u ddikjara li l-ittestjar tar-residwi mhux qed jitwettaq u mhux mistenni jiġi implimentat u li l-esportazzjoni tal-akkwakultura lejn l-UE ma setgħetx tibqa' sseħħ. Għalhekk l-entrati għaż-Zimbabwe li jikkonċernaw l-akkwakultura u l-annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet jenħtieġ li jitħassru mil-lista. Iż-Żimbabwe ġie infurmat b'dan.

([1]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(10) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil għall-kummerċ, għandhom jiġu stabbiliti perjodi tranżizzjonali li jkopru l-konsenji rilevanti mibgħuta mill-Afrika t'Isfel lejn l-Unjoni qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(11) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2011/163/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Għall-perjodu ta' tranżizzjoni sal-15 ta' April 2018, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw il-konsenji ta' annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet mill-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe sakemm l-importatur ikun jista' juri li dawn il-konsenji jkunu ġew iċċertifikati u jkunu ntbagħtu lill-Unjoni qabel l-1 ta' Marzu 2018 skont id-Deċiżjoni 2011/163/UE.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

| Kodiċi tal-ISO2 | Pajjiż | Bovini | Ovini/kaprini | Porċini | Ekwini | Pollam | Akkwakultura | Ħalib | Bajd | Fniek | Annimali tal-kaċċa slavaġ | Annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet | Ghasel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD | Andorra | X | X | X [3] | X | | | | | | | | X |
| AE | L-Emirati Gharab Magħquda | | | | | | X [3] | X [1] | | | | | |
| AL | L-Albanija | | X | | | | X | | X | | | | |
| AM | L-Armenja | | | | | | X | | | | | | X |
| AR | L-Arġentina | X | X | | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| AU | L-Awstralja | X | X | | X | | X | X | | | X | X | X |
| BA | Il-Bożnija-Ħerzegovina | | | | | X | X | X | X | | | | X |
| BD | Il-Bangladesh | | | | | | X | | | | | | |
| BF | Il-Burkina Faso | | | | | | | | | | | | X |
| BJ | Il-Benin | | | | | | | | | | | | X |
| BN | Il-Brunei | | | | | | X | | | | | | |
| BR | Il-Brażil | X | | | X | X | X | | | | | | X |
| BW | Il-Botswana | X | | | X | | | | | | | X | |
| BY | Il-Belarussja | | | | X [2] | | X | X | X | | | | |
| BZ | Il-Belize | | | | | | X | | | | | | |
| CA | Il-Kanada | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| CH | L-Iżvizzera | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |

| Kodiċi tal-ISO2 | Pajjiż | Bovini | Ovini/kaprini | Porċini | Ekwini | Pollam | Akkwakultura | Ħalib | Bajd | Fniek | Annimali tal-kaċċa slavaġ | Annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet | Ghasel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CL | Iċ-Ċilì | X | X | X | | X | X | X | | | X | | X |
| CM | Il-Kamerun | | | | | | | | | | | | X |
| CN | Iċ-Ċina | | | | | X | X | | X | X | | | X |
| CO | Il-Kolombja | | | | | | X | X | | | | | |
| CR | Il-Costa Rica | | | | | | X | | | | | | |
| CU | Kuba | | | | | | X | | | | | | X |
| DO | Ir-Repubblika Dominicana | | | | | | | | | | | | X |
| EC | L-Ekwador | | | | | | X | | | | | | |
| ET | L-Etjopja | | | | | | | | | | | | X |
| FK | Il-Gżejjer Falkland | X | X | | | | X | | | | | | |
| FO | Il-Gżejjer Faeroe | | | | | | X | | | | | | |
| GE | Il-Georgia | | | | | | | | | | | | X |
| GH | Il-Ghana | | | | | | | | | | | | X |
| GL | Greenland | | X | | | | | | | | X | X | |
| GT | Il-Gwatemala | | | | | | X | | | | | | X |
| HN | Il-Honduras | | | | | | X | | | | | | |
| ID | L-Indoneżja | | | | | | X | | | | | | |
| IL | Iżrael (7) | | | | | X | X | X | X | | | X | X |
| IN | L-Indja | | | | | | X | | X | | | | X |
| IR | L-Iran | | | | | | X | | | | | | |

| Kodiċi tal-ISO2 | Pajjiż | Bovini | Ovini/ka-prini | Porċini | Ekwini | Pollam | Akkwakul-tura | Ħalib | Bajd | Fniek | Annimali tal-kaċċa slavaġ | Annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet | Ghasel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| JM | Il-Ġamajka | | | | | | | | | | | | X |
| JP | Il-Ġappun | X | | | | | X | | | | | | |
| KE | Il-Kenja | | | | | | X | | | | | | |
| KG | Il-Kirgiżistan | | | | | | | | | | | | X |
| KR | Il-Korea t'Isfel | | | | | X | X | | | | | | |
| LK | Is-Sri Lanka | | | | | | X | | | | | | |
| MA | Il-Marokk | | | | | X | X | | | | | | |
| MD | Il-Moldova | | | | | X | X | | X | | | | X |
| ME | Il-Montenegro | X | X | X | | X | X | X | X | | | | X |
| MG | Il-Madagascar | | | | | | X | | | | | | X |
| MK | L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (4) | X | X | X | | X | X | X | X | | X | | X |
| MM | Ir-Repubblika tal-Unjoni tal-Myanmar | | | | | | X | | | | | | |
| MU | Il-Mauritius | | | | | | X | | | | | | X (3) |
| MX | Il-Messiku | | | | | | X | | X | | | | X |
| MY | Il-Malasja | | | | | X (3) | X | | | | | | |
| MZ | Il-Mozambique | | | | | | X | | | | | | |
| NA | In-Namibja | X | X | | | | | | | | | | |
| NC | New Caledonia | X (3) | | | | | X | | | | X | X | X |

| Kodiċi tal-ISO2 | Pajjiż | Bovini | Ovini/kaprini | Porċini | Ekwini | Pollam | Akkwakultura | Ħalib | Bajd | Fniek | Annimali tal-kaċċa slavaġ | Annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet | Għasel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| NI | In-Nikaragwa | | | | | | X | | | | | | X |
| NZ | New Zealand | X | X | | X | | X | X | | | X | X | X |
| PA | Il-Panama | | | | | | X | | | | | | |
| PE | Il-Perù | | | | | | X | | | | | | |
| PH | Il-Filippini | | | | | | X | | | | | | |
| PM | Saint Pierre u Miquelon | | | | | X | | | | | | | |
| PN | Il-Gżejjer Pitcairn | | | | | | | | | | | | X |
| PY | Il-Paragwaj | X | | | | | | | | | | | |
| RS | Is-Serbja (5) | X | X | X | X (2) | X | X | X | X | | X | | X |
| RU | Ir-Russja | X | X | X | | X | | X | X | | | X (6) | X |
| RW | Ir-Rwanda | | | | | | | | | | | | X |
| SA | L-Arabja Sawdija | | | | | | X | | | | | | |
| SG | Singapor | X (3) | X (3) | X (3) | X (8) | X (3) | X | X (3) | | | X (8) | X (8) | |
| SM | San Marino | X | | X (3) | | | | X | | | | | X |
| SR | Is-Suriname | | | | | | X | | | | | | |
| SV | El Salvador | | | | | | | | | | | | X |
| SZ | Is-Swaziland | X | | | | | | | | | | | |
| TH | It-Tajlandja | | | | | X | X | | | | | | X |
| TN | It-Tuneżija | | | | | X | X | | | | X | | |
| TR | It-Turkija | | | | | X | X | X | X | | | | X |

| Kodiċi tal-ISO2 | Pajjiż | Bovini | Ovini/kaprini | Porċini | Ekwini | Pollam | Akkwakultura | Ħalib | Bajd | Fniek | Annimali tal-kaċċa slavaġ | Annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet | Ghasel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TW | It-Tajwan | | | | | | X | | | | | | X |
| TZ | It-Tanzanija | | | | | | X | | | | | | X |
| UA | L-Ukrajna | X | | X | | X | X | X | X | X | | | X |
| UG | L-Uganda | | | | | | X | | | | | | X |
| US | L-Istati Uniti | X | X | X | | X | X | X | X | X | X | X | X |
| UY | L-Urugwaj | X | X | | X | | X | X | | | X | | X |
| VE | Il-Venezwela | | | | | | X | | | | | | |
| VN | Il-Vjetnam | | | | | | X | | | | | | X |
| ZA | L-Afrika t'Isfel | | | | | | | | | | X | | |
| ZM | Iż-Żambja | | | | | | | | | | | | X |

(1) Il-ħalib tal-iġmla biss.
(2) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għat-tbiċċir (annimali li jipproduċu l-ikel biss).
(3) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li jkunu approvati għall-importazzjoni ta' din il-materja prima lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2.
(4) L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż se tiġi miftiehma wara n-negozjati attwali fil-livell tan-NU.
(5) Il-Kosovo mhux inkluż (dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo).
(6) Għar-renni mir-reġjuni ta' Murmansk u Yamalo-Nenets biss.
(7) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li jinsabu taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(8) Għall-prodotti bażiċi ta' laħam frisk li joriġinaw minn New Zealand biss, li jkunu ddestinati għall-Unjoni, u li jitħattu u jitgħabbew mill-ġdid u jgħaddu minn Singapore, kemm jekk jinħażnu hemm, kif ukoll jekk le."